**QORTI TAL-MAGISTRAT (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 7 ta' Mejju 2002**

**Pulizija**
**Spettur Mario Bonnici**

**Vs**

**Priscilla Schieda**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Priscilla Schieda ta' 16-il-sena, bint Mario u Carmen nee' Azzopardi, imwielda l-Pieta' nhar l-1 ta' Ottubru 1985, residenti fil-fond numru 78, Main Street, Hal Qormi u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 500485 (M);

Talli f'xi hin matul it-tlett xhur ta' qabel nhar is-16 ta' Frar 2002, f'dawn il-gzejjer bi vjolenza jew b'theddid, gieghel ufficjal pubbliku u cioe' lis-Sur M. Vella stazzjonat fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, sabiex jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu (Artikolu 91 tal-Kap 9);

b) Talli fl-istess xhur, lok, hin u cirkostanzi, ingurjat jew hedied jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi, minn servizz pubbliku u cioe' fuq is-Sur M. Vella stazzjonat fil-Facilita' Korrettiva Ta' Kordin, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu

jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, (Artikolu 95 tal-Kap 9);

c) Talli fl-istess xhur, lok, hin u cirkostanzi, bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk kienet iffirmata b'isimha jew b'isem mahluq, heddidt ufficjal pubbliku u cioe' lis-Sur M. Vella stazzjonat fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, b'xi delitt, (Artikolu 249 tal-Kap.9);

d) Talli fl-istess xhur, lok, hin u cirkostanzi, uzat vjolenza sabiex iggieghel lill Ufficjal Pubbliku u cioe' lis-Sur M. Vela stazzjonat fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel d-doveri tieghu, Artikolu 251 tal-Kap.9;

Wara illi rat l-Artikoli 91, 95, 249 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija imputata hatja ta' kif akkuzata.

Ghaldaqstant, fil-waqt li l-Qorti ssibha hatja qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma' taghmilx reat iehor fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, a tenur tal-artikolu 9.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

MAGISTRAT.